MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 147/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlo Ellul)**

**Vs**
**Eric Calleja**
**Djonisju Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. volontarjament kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, storbju u/jew glied – Artikolu 338(dd) tal-Kap 9;
2. hebbew ghal Anthony Bonello u ikkagunawlu griehi ta' natura gravi fuq persuntu ai termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kap 9;
3. volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwjjeg haddiehor, cioe' camera tar-ritratti, li tiswa

anqas minn mitt lira malting had-dannu ta’ l- istess Anthony Bonello – Artikolu 325(b) tal-Kap 9;
4. ghamlu ingurji jew theddid fil-konfront ta’ Anthony Bonello, Anna Bonello u Grace Bonello – Artikolu 339(l)(e) tal-Kap 9;
Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Anthony Bonello, Anna Bonello u Grace Bonello ai termini tal-Artikolu 383 u 384 tal- Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 t’April, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 261(1)(d)(2), 339(1)(e), 17(d) tal-Kap. 9 sabet lill-appellanti hatja w ikkundannathom disa’ (9) xhur prigunerija kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fit-12 ta’ Mejju , 2009, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu l-appellanti ma gewx misjuba hatja tal-ewwel u tat-tielet akkuza w li minnhom illiberathom u tirrevokaha kwantu l-appellanti nstabu hatja tat-tieni w ir-raba’ akkuza minghajr l-applikazzjoni ta’ l-ebda skuza msemmija fil-Kodici Kriminali w minflok issibhom hatja ta’ dawn l-akkuzi bl-applikazzjoni ta’ l-iskuzi msemmija w konsegwentement tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra anqas skond il-ligi, u f’kaz li dina l-Qorti tikkonferma s-sejbien ta’ htija ta’ l-appellanti kif misjuba mill-Ewwel Qorti w cioe’ minghajr l-applikazzjoni ta’ l-ebda skuza ravvista fil-Kodici Kriminali, li dina l-Qorti tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra anqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellanti jikkontendu li l-agir taghhom jirrispekkja ruhu fid-dawl ta’ passjoni istantanja b’rizultat ta’ provokazzjoni li sehhet proprju fil-hin ta’ l-incident.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi bejn l-appellanti w il-parti leza Anthony Bonello kien hemm attriet li kienu ilu sejjer ghal zmien twil. Dana jikkoncerna principalment il-hsejjes u l-inkonvenjent kawzati mill-appellanti minhabba in-negozju taghhom.  Dana jinkludi wkoll hsejjes u dhahen maghmula minn vetturi.

Gew esebiti fl-atti seba’ rapporti li ghamel il-parti leza lill-Pulizija tal-Mellieha w anki tal-Qawra in konnessjoni ma’ “parking”  illegali ta’ vetturi.

Fis-16 ta’ Mejju, 2003 ghall-habta ta’ 7.15 a.m. Anthony Bonello kien urtat b’riha ta’ diesel illi allegatament intliet ir-residenza taz-zijiet tieghu Anna Bonello w Grace Bonello, ghalhekk qabad il-“camera” tar-ritratti, hareg fit-triq u beda jiehu ritratti ta’ vettura proprjeta’ ta’ l-appellanti.  Kien qieghed kokka ma’ l-art jiehu ritratti fuq in-naha ta’ wara fejn hemm il-hrug tas-“silencer” u f’daqqa wahda gie aggrediet mill-appellanti b’tali mod li gie kkawzat lilu griehi ta’ natura gravi.

Ir-ritratti esebiti f’dawn l-atti jixhdu s-serjeta’ kif ukoll l-entita’ tal-feriti illi sofra Anthony Bonello.

Id-difiza mihix qed tichad li bhala fatt Anthony Bonello gie aggrediet mill-appellanti,  pero’ jikkontendu li l-agir taghhom jirrispekja ruhu fid-dawl ta’ passjoni istantanja b’rizultat ta’ provokazzjoni li sehhet proprju fil-hin ta’ l-incident, u f’rikors elaborat u studjat ghamlu referenza ghal guristi Taljani principalment Francesco Antolesei biex juri kif il-provokazzjoni subita mill-appellanti kellha tiggustifika l-agir taghhom.

Ikkunsidrat :

L-appellanti ghamlu referenza ghall-artikolu 62 tal-Kodici Penali Taljan referibbilment ghat-tieni inciz.  L-artikolu 62 hu intestat “circostanze attenuanti comuni” u tghid illi jkun hemm attenwanti, fost affarijiet ohra “ 2) l’aver agito in istato di  ira, determinato da un fatto ingusto altrui.”

Dan l-artikolu jsib l-origini tieghu fl-artikolu 51 tal-Codice Penale Del Regno d'Italia li gie fis-sehh fit-30 ta' Gunju 1889. Dan l-artikolu jghid *"Colui che ha commesso il fatto nell'impeto d'ira o l'intenso dolore, determinato da ingusta provocazzione, e` punito ........ "*

Bhal ma jidher, il-Kodici Penali modern waqqa r-rekwizit ta' *"intenso dolore"* w zamm ir-rekwizit ta' "ira determinato dall'fatto ingusto altrui".

Pero' l-artikolu l-gdid ma juzax il-kelma *"provocazzione"* izda jirreferi biss *"da un fatto ingusto"* w ghalhekk l'Antolisei fil-bran ikkwotat mill-appellanti jaghti tifsira ferm aktar wiesgha tal-uzu tal-kelma *"fatto"* minn dik *"provocazzione"* uzat fit-test l-antik. Dan iggustifikah jinkludi wkoll provokazzjoni morali bhala kwalifikazzjoni ta' "fatto ingusto".

It-test Malti izda, juza l-kelma provokazzjoni kif tajjeb irreferew l-appellanti fit-tieni pagna tar-rikors taghhom fil-parti intestata "id-difiza".

Ghalhekk biex il-Qorti tifhem sew x'inhi l-provokazzjoni fil-kuntest tal-ligi Maltija jkun opportun illi taghmel referenza ghall-awturi illi kkumentaw fuq l-artikolu 51 tal-Kodici Taljan tal-1889.

Fost dawn l-awturi hemm il-Maino li ghamel kummenti dettaljati w sofistikati dwar it-tifsira w l-interpretazzjoni tal-kelma provokazzjoni fil-kuntest tal-ligi. (Commento al Codice Penale Italiano)

Jibda biex jinghad illi l-provokazzjoni tista' tigi applikata minghajr distintzjoni ghar-reati kollha li jaqghu taht ic-censura gurisdizzjonali, jghid : *"dunque anche per la provocazzione la legge non fa distintzione di reati ai quali possa' essere applicata. Ogni qual volta si verifichi un fatto delituoso, di qualsiasi forma e natura, nel quale sia entrato come co-efficiente psicologico, l'impeto dell'ira o del dolore determinato da ingusta provocazzione,*

*dovranno applicarsi le mitigazione di pene sancita dall’articolo 51.”* (para 234 Libro 1)

Mhux il-kaz illi din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni tal-“*gusto ed intenso dolore”* peress illi dan il-kuncett ma japplikax ghall-ligi Maltija. Pero’ tajjeb illi l-Qorti tiehu spunt minn dak illi jghallem il-Maino dwar it-tifsira tal-provokazzjoni, u kif din dejjem giet interpretata illi trid tkun gravi fic-cirkostanzi.

Fil-paragrafu 239 ta’ l-ewwel Volum tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghallem illi l-artikolu 51 jaghmel differenza ghal dawk illi huma l-effetti penali jekk il-provokazzjoni tkun “*semplice o grave”.*

Irrizulta illi din id-distintzjoni kienet gja tezisti fil-Codice Penale Sardo (Art. 562) minn fejn origina l-artikolu 51 fuq imsemmi *“il Codice Sardo, all’articolo 562, diceva grave la provocazione che segue con percosse o violenze gravi, con minacce a mano armata o con atrocci ingurie”* ikompli jghid *“avuto riguardo all’indole dei fatti e alla qualita’ delle persone provocanti e provocate.”*

Din id-distintzjoni bejn il-provokazzjoni semplici u dik gravi ma jidhirx illi giet trasportata fil-Kodici Penali Taljan fl-artikolu 62 izda jhalli f’idejn il-Magistrat sabiex jara l-fatti *“e alla qualita’ delle persone provocanti e provocate”*.

Fi kliem iehor *“il Magistrato non e ora vincolato a criteri speciali nel gudizzio sulla sussistenza e sulla gravita’ della provocazione; gudizzio interamente rimesso all’incensurabile apprezzamento dei gudici del merito”* (para 239).

Dan huwa rifless fil-ligi Maltija kif jghallem il-Mamo fin-noti tieghu (page 241) *“the law leaves it to those who have to judge to exercise their indipendent judgement. It does not limit or specify the causes of provocation.”*

F’dan il-kaz ghalhekk il-Qorti trid tikkonsidra jekk l-agir tal-parti leza w cioe’ tehied ta’ ritratt ta’ vettura proprjeta’ tal-

appellanti kienx jiggustifika dan l-element ta' provokazzjoni fil-kuntest tat-tghallim fuq imsemmi.

Ikkunsidrat :

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-agir tal-parti leza, anki mehud is-serje ta' rapporti u l-incidenti li kien hemm qabel bejnu u bejn l-appellanti, ma kienx iwassal ghall-provokazzjoni ingusta fis-sens tal-ligi.

Jibda biex jinghad illi skond il-Mamo (page 241) *" as a general rule, no words or gestures, however approbrious or provoking will be considered to be provocation sufficient to excuse ..... by reason of instantanious passion ......"*

F'dan il-kaz ma kienx hemm kliem bejn il-parti leza w l-appellanti, imma biss mossa ta' tehied ta' ritratt li, l-abbli difensur iddeskriva bhala dak ta' "paparazz provokatorju".

Zgur illi l-agir tal-parti leza ma kienx jimmerita r-reazzjoni tal-appellanti anki jekk dawn hassuhom urtati bl-agir tal-istess parti leza.

Fil-bran ikkwotat mill-Antolisei l-appellanti jghidu *"quanto alla reazzione, non si richiede che sia proporzionata all'fatto ingusto."*

Din tidher li hi t-tendenza moderna fejn anki fl-Ingilterra l-hsieb hu l-istess ghad li dan hu abbinat mal "reasonable man test" *"it is not a rule that the defendant's reaction be proportional to the provocation, but a jury will have to take the matter into account in applying the reasonable man test"* ("Criminal Law" Marianne Giles P. 77).

Il-Qorti taghna pero' ghadhom japplikaw it-taghlim ta' Mamo f'dan ir-rigward fejn f'pagna 241 tan-noti tieghu jghid : *"provocation to be admitted as an excuse requires also that the reaction shall be proportionate ....."*

Il-Qorti ma tara assolutament xejn proporzjonat bejn ix-xebgha li qala' l-parti leza illi hallewh bi griehi ta' natura

gravi u l-agir tieghu ta' tehied ta' ritratt, anki jekk il-Qorti tikkonsidra s-sensiela ta' incidenti illi kien hemm fil-passat. Bejn dawn l-incidenti u dak in kwistjoni kien hemm "a cooling off period" fejn ir-razzjonalita' kellha tiehu post l-emozzjoni u tinnewtralizza kwalunkwe reazzjoni negattiva f'temperament ta' persuna ordinarja.

Fuq dan it-test il-Professur Mamo jghid *"the test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self control, not whether it was sufficient to deprive of his self control the particular person charged ......"* (P 241).

Dan ifisser kwindi illi t-test hu wiehed oggettiv u mhux soggettiv.
Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, l-agir tal-appellanti kien wiehed abusiv u llegali meta l-Qorti tikkunsidra li ma kien hemm xejn provokatorju fl-agir tal-parti leza.

In succint, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-agir tal-appellant ma jistax jigi gustifikat taht il-kappa tal-provokazzjoni u wisq anqas ingusta u ghalhekk ma jistghax jibbenefikaw minn din id-difiza.

Rigward il-piena, dina qeghda fil-parametri tal-ligi moghtija mill-Ewwel Qorti wara deliberazzjoni akkurata w il-Qorti ma tarax kif tista' tvarja tali deskrizzjoni.

Fil-kawza "Il-Pulizija vs Carmelo Schembri" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 1995 inghad *"hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondiet tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha."*

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament u jidhrilha illi l-ewwel sentenza hija ragjonevolement u legalment korretta w ghalhekk mhux il-kaz li tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------